MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-5 ta' April, 2010

Numru 319/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**
**VS**
**ADRIAN ZAMMIT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba konta Adrian Zammit, ta' 30 sena, iben il-mejjet Joseph u Jane nee' Borg, imwieled Pieta' 28 ta' Dicembru 1979, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 41180 (M) u residenti No.9, Triq it-Trinita', Marsa.

Illi huwa akkuzat talli fid-29 ta' Marzu 2010 ghall-habta tal-11.15hrs, mill-Agenzija Sedqa nru.3, Triq Braille, Santa Venera, ikkometta serq ta' Laptop li l-valur tieghu jeccedi il- € 232.94 u mhux izjed minn € 2,329.37, liema serq

huwa aggravat bil-valur u bil-lok ghad-dannu ta’ l-Agenzija Sedqa;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom meta kien jaf li l-haga kienet gejja minn serq.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta l-Avukat Generali a fol 9 u dak ta’ l-imputat a fol 4

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l- istess ammissjoni ta’ l- imputat il-Qorti ssib lil imputat hati ta l- ewwel (1) akkuza, mhux hati ta’ tieni (2) akkuza illi hija alternattiva ghal- ewwel (1) akkuza u li minnha tilliberah; u wara li rat l- artikolu 261, 267 u 271, 28 A u 28 G tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta; tikkundanna lil imputat ghal- sentejn (2) prigunerij asospizi ghal- tlett (3) snin. In oltre tqedu taht Supervision Suspended Order ghal- perjondu ta tlett (3) snin taht is- sorveljanza tad-Direttur tal- Probation Services jew Probation Officer minnhu nominat.

In oltre l-Qorti tqieghed lil imputat taht Treatment Order u dana sabiex jibda u jikkompleta programm residenzjali ta’ rabilitazzjoni kontra d- droga fi hdan l- istituzzjoniet tal-Caritas.

Din il- piena qed tigi akkordata in vista ta’ l- ammissjoni bikrija ta’ l- imputat, l- eta’ govanili tieghu, il- fedina penali tieghu u l- fatt li l- imputat ghadu mahkum mill vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------